REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 20 ta' 2025, miżmuma nhar it-Tlieta, 29 ta' April 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Edward Grech | Ħal Balzan | Delegat |
| • Bjorn Bonello | | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Dale Hayman | Mtarfa | Membru |

**AĠENDA**

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 19
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   5.1 Rapport tal-Laqgħa tas-Sindki ppreżentat mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Mario Fava.
   5.2 Aġġornament Nisġa ta’ Lwien
   5.3 Cir AKL 2023_045_LESA – Fondi għall-infurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal
   5.4 Aġġornament – Sitwazzjoni tal-Iskart fir-Reġjun
   5.5 Proġetti Internazzjonali – Rapprezentanza mill-President tar-Reġjun
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li minflok il-Viċi President Dr. Angelo Micallef, qiegħed jattendi il-laqgħa l-Kunsillier Edward Grech. Is-Sindku Gabriel Micallef jinsab indispost minħabba impenji oħra.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.19**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 19 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Stefan Cordina, issekondat mill-Kunsillier Norbert Dalli, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Aġġornament – Konferenza Festi**

Il-President informa li b’rispett tal-funeral tal-Papa, il-konferenza Festi ġiet posposta għal nhar is-Sibt 31 ta’ Mejju 2025 fis-Sala tal-Kunsill tal-Mosta.

**3.2 Aġġornament - European Week of the Regions and Cities 2025**

Il-President fakkar li d-delegati li kienu interessati li jattendu din il-konferenza għandhom jinformaw lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll jibatu kopja tal-karta ta’ Identita fuq lemail generiku tar-Regjun. Ser jibdew il-

preparamenti sabiex jiġu ibbukjati l-flights u l-akkomodazzjoni, għalhekk inħeġġukhom tirreġistraw sa mhux aktar tard mit-tieni ta' Mejju.

**3.3 SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 22 ta' April 2025 - Sejħa għal Proposti ta' Siti għat-Tindif – World Cleanup Day 2025**

Il-President informa li l-applikazzjonijiet għal dawn il-fondi issa għalqu. Ir-Reġjun ssottometta l-applikazzjoni tiegħu kif wiegħed fil-laqgħa preċedenti, u bagħat ukoll proforma tal-applikazzjoni lill-kunsilli kollha biex jgħinhom fis-sottomissjoni tagħhom. L-maġġoranza tal-kunsilli applikaw, u r-Reġjun se jkompli joffri l-għajnuna tiegħu lil dawn il-kunsilli proattivi.

**3.4 Aġġornament – Deep Blue Green – Proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea**

Il-President informa lill-membri biex javżaw lill-għaqdiet volontarji kollha involuti fl-isport fis-settur tal-anzjani u nies b'diżabilità, kemm intellettwali kif ukoll fiżika, li se jsiru attivitajiet sportivi fl-aħħar ġimgħatejn ta' Settembru 2025. Il-programm finali se jiġi kkomunikat lilkom wara li jintlaħaq qbil mal-imsieħba Ewropej. Kull kunsill huwa mitlub jipprovdi lista sħiħa tal-għaqdiet u l-faċilitajiet sportivi li għandu fi ħdanu, sabiex inkunu nistgħu nżommu kuntatt.

**3.5 Aġġornament – Synergies – Proġett finanzjat mill Unjoni Ewropea**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-proġett *Synergies* miexi b'pass spedit. It-tielet workshop se jsir bejn is-17 u l-20 ta' Ġunju hawn Malta, fejn ir-Reġjun huwa responsabbli għall-loġistika ta' din il-konferenza. Jigi apprezzat li tattendu dawn il-workshops fis-17 ta' Ġunju bejn l-1:00pm u l-5:00pm, kif ukoll fit-18 ta' Ġunju bejn id-9:00am u l-2:00pm.
Qed naħdmu wkoll fuq eskursjoni edukattiva dwar il-ġeoloġija ta' Malta, minħabba li dan il-proġett huwa b'mod partikolari influwenzat mill-ġeoloġija unika tar-Reġjun Tramuntana. Għalhekk, ser tkun esperjenza interessanti ħafna li tattendu dawn il-workshops.
Aktar dettalji se jiġu kkomunikati fil-laqgħa li jmiss. Huwa importanti li kull Kunsill jieħu din l-opportunità biex jinforma lill-għaqdiet esperti, u kuntatti personali fi ħdan il-lokalità tiegħu, sabiex jattendu dawn il-workshops li se jkunu relatati mal-preparazzjoni tal-komunità f'każ ta' diżastru naturali, bħalma hu t-terremot, f'kull aspett tiegħu.
.

### 3.6 Aġġornament: Podcasts

Il-President informa li wara laqgħa informattiva ħafna mal-Prof. Azzopardi, ġejna rrakkomandati sabiex nagħmlu kuntatt ma' persuni oħra. Tkellimna ma' John Mallia, li wera interess fil-proposta tagħna. Qed nistennew li ssir laqgħa sabiex jiġi mifhum aħjar il-kontenut ta' dawn il-podcasts.

### 3.7 Aġġornament – Korsijiet ta' taħriġ

Il-President u s-Segretarju Eżekuttiv, f'isem il-parteċipanti kollha li attendew il-korsijiet, jixtiequ jirringrazzjaw lill-membri, għax bis-saħħa ta' l-approvazzjoni tagħhom, ir-Reġjun seta' joffri lill-impjegati korsijiet li jsaħħu l-ħidma tagħhom fil-lokalitajiet. Kien hemm parteċipazzjoni attiva u sħiħa fiż-żewġ korsijiet li ġew offruti, u bi pjaċir ngħidu li kulħadd għadda mill-eżami b'marki tajbin ħafna.

### 3.8 Aġġornament - Rights – Kunsill tat-tfal

Il-president informa lill-membri li l-laqgħat tal-Kunsill tat-Tfal qed ikunu suċċess u xi suġġetti li ġew diskussi huma kif ġej: L-ewwel laqgħa fis-17 ta' Lulju 2024 iffokat fuq il-formazzjoni tal-kunsill u l-ideat dwar kif jistiednu aktar tfal biex jipparteċipaw, inkluż l-ħolqien ta' maskot. It-tfal enfasizzaw kwistjonijiet bħat-tniġġis, l-ambjent, l-abbuż u t-traffiku. Fit-tieni laqgħa fil-15 ta' Ottubru 2024, it-tfal ħadu sehem f'attivitajiet biex jitgħallmu dwar id-drittijiet tagħhom u ddiskutew l-implimentazzjoni tagħhom, u ddiskutew suġġetti bħad-drittijiet tat-tfal mhux imwielda, tħassib ambjentali, aċċess għall-informazzjoni, u t-teknoloġija fl-iskejjel. It-tielet laqgħa fil-14 ta' Jannar 2025 involviet id-deċiżjoni dwar il-proċess tal-elezzjoni għal rappreżentanti ġodda, u enfasizzat in-nominazzjonijiet anonimi bbażati fuq l-attitudni u l-impenn. It-tfal kitbu ittra ta' motivazzjoni lill-membri futuri tal-kunsill u ċċelebraw is-suċċess tagħhom b'charades.

### 3.9 Aġġornament - European Mobility Week

Il-membri ġew imfakkra li f'Settembru isiru diversi inizjattivi relatati ma' Mobility Week, kif ukoll li r-Reġjun jinsab lest li jassisti b'inizjattivi, studji u proġetti, kif diġà għamel fil-passat u kif qed jagħmel bħalissa, sabiex jekk ikun hemm opportunità għal fondi, dawn jiġu sfruttati bl-aħjar mod.

### 3.10 Aġġornament rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025

Il-membri ddiskutew il-linji gwida relatati mal-fond li tħabbar aktar kmieni din is-sena waqt l-AGM, bil-għan li l-kunsilli lokali jkunu jistgħu japplikaw u jibbenefikaw b'mod sħiħ minn din l-għajnuna. Is-Segretarju Eżekuttiv se

jkun qed jipprepara sett ta’ linji gwida u proposta dwar dan il-fond, ibbażati fuq is-suġġerimenti u l-bżonnijiet li ġew imressqa mill-membri.

### 3.11 Minn Pjazza għal Pjazza - Fondi ghal Kunsilli Lokali

Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħabbret allokazzjoni ta’ €25,000 għal kull kunsill lokali. L-applikazzjonijiet se jkunu miftuħa għal ġimgħatejn u għandhom jiġu sottomessi għal attivitajiet li se jsiru fil-pjazez bejn Ġunju u Novembru, taħt il-branding ta’ Minn Pjazza għal Pjazza.
Kull kunsill huwa eliġibbli għal attivitajiet li, b’mod kollettiv, jammontaw għal massimu ta’ €25,000. Il-promozzjoni u l-marketing, apparti fond ta’ €1,500, se jkunu kkoordinati mid-Direttur Artistiku Daniel Cauchi, li kien responsabbli wkoll għall-attivitajiet tar-Regjun Kulturali tal-Lvant.
Dawn l-attivitajiet għandhom isiru fil-pjazez tal-lokalità, jinkludu talent lokali, u jkunu miftuħa għall-għaqdiet kollha tal-lokalità, mhux biss dawk magħrufa. Ma għandhomx jiġu organizzati f’dati li jikkonflittu ma’ attivitajiet oħra, u l-attendenza trid tkun bla ħlas.
L-applikazzjoni hija simplifikata, u r-Regjun huwa impenjat li jassisti lill-kunsilli fil-proċess tal-applikazzjoni. L-attivitajiet għandhom ikunu kemm jista’ jkun oriġinali, u dan il-fond mhuwiex maħsub biex jiffinanzja attivitajiet li jsiru regolarment kull sena. Il-għan ewlieni hu li jiġu organizzati attivitajiet ġodda taħt din l-inizjattiva ta’ għajnuna finanzjarja.

### 3.12 Cir AKL 2025/029_Urġenti Azzjoni meħtieġa - PA-Funded Projects

Il-kunsilli lokali li rċevew fondi taħt l-iskema tal-PA, iżda li għal xi raġuni jew oħra l-proġetti tagħhom għadhom mhux kompluti, għandhom isegwu l-istruzzjonijiet mibgħuta permezz tal-email mill-AKL u jinformaw lir-Regjun b’kull aġġornament relatat.

### 3.13 Aġġornament – Il-ktieb The Colourful North

Il-President informa lill-membri li Dr. Natalino Fenech bagħat korrispondenza li tikkonferma li t-tieni edizzjoni tal-ktieb Colours of the North waslet fi stadju avvanzat ta’ finalizzazzjoni. Il-pass li jmiss issa huwa li jintalbu stimi għad-disinn u l-istampar tal-verżjoni finali tal-ktieb.

### 3.14 Aġġornament – Tender ta’ CCTVs

Il-President fakkar li r-Reġjun għadu ma rċievix l-informazzjoni kollha mingħand il-Kunsilli Lokali dwar is-CCTV fil-lokalitajiet rispettivi. Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lill-Kunsilli biex jibagħtu n-numru ta’ CCTV eżistenti flimkien mal-ftehmiet ta’ ġestjoni, sabiex ir-Reġjun ikun jista’ jikkunsidra kif jista’ jassisti, inkluż f’termini ta’ spejjeż.

Wara diskussjoni, ġie ssuġġerit li jinħareġ tender għal madwar 50 CCTV li jistgħu jitqassmu skont il-bżonn.

Fuq proposta tas-Sindku Stefan Cordina, issekondat mis-Sindku Dr. Chris Deguara, ġie approvat li jinħareġ tender għal 50 CCTV, suġġett għall-fondi disponibbli.

**3.15 Aġġornament – Servizz ta' Accountant tar-Reġjun**

Il-President ħabbar li wara l-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet, ġie deċiż li s-Sur Daniel Galea ssottometta l-aktar kwotazzjoni favorevoli skont ir-rekwiżiti mitluba. Għaldaqstant, jekk jaċċetta, huwa se jkun l-accountant il-ġdid għar-Reġjun Tramuntana. Din il-ħatra tidħol fis-seħħ hekk kif tiġi rċevuta konferma mill-awditur li l-awditjar tas-sena 2024 ingħalaq.

**3.16 Aġġornament – Tibdil ta' bibien u parquet fil-boardroom**

Wara x-xogħlijiet li saru fl-uffiċċju tar-Reġjun (ħafna minnhom internament mis-Segretarju Eżekuttiv) qabel l-inawgurazzjoni mill-Ministru Owen Bonnici, jidher b'mod ċar li, minħabba ħsarat estensivi kemm fil-parquet tal-boardroom kif ukoll fil-bibien li jagħtu mill-boardroom għall-bitħa, dawn għandhom bżonn jinbidlu. Barra minn hekk, hemm ukoll problema viżibbli ta' ilma taħt il-parquet li trid tiġi indirizzata. Il-Kunsillier Stefan Cordina ssuggerixxa li l-materjal ma jerġax ikun injam sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' ħsarat fil-futur. Kien hemm qbil unanimu li jintalbu stimi sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet meħtieġa.

**3.17 Aġġornament – Merħba Signs Sponsorship**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri sabiex jibagħtu t-talbiet għal 'Merħba Signs', inkluż in-numru mixtieq u l-lokazzjonijiet proposti. Ġie mitlub ukoll li jiġi nnotifikat jekk hemmx ftehim ta' sponsorship fuq sinjali diġà eżistenti. Is-Sindku Christopher Deguara saħaq fuq il-ħtieġa li jiġi diskuss u magħżul stil uniformi għal dawn is-sinjali.

**3.18 IBINS**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ġurnata ta' qabel ir-Reġjun irċieva risposta mingħand l-ERA, li fost oħrajn enfasizzat l-obbligu li jkun hemm sit ta' IBINS għal kull 2,000 abitant f'kull lokalità. Din il-korrispondenza ġiet imwieġba llum stess mis-Segretarju Eżekuttiv, fejn elenka numru ta' kundizzjonijiet mitluba mir-Reġjun.

Wara diskussjoni, u b'referenza għal diskussjonijiet li diġà saru f'laqgħat preċedenti dwar dan is-suġġett, ġie enfasizzat li s-servizz attwali mhuwiex sodisfaċenti la għar-residenti u lanqas għall-Kunsilli. Il-membri qablu li

jingħata l-aħħar avviż lill-ERA, u f'każ ta' nuqqas ta' koperazzjoni, tinħareġ press release mir-Reġjun f'isem il-Kunsilli fi ħdanu.

Fuq proposta tal-President Clifford Galea, issekondata mis-Sindku Dr. Christopher Deguara, ġie approvat li jingħata l-aħħar avviż u li tittieħed azzjoni pubblika jekk meħtieġ.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera f'dan il-punt.

**5. Aġġornamenti u diskussjoni**

**5.1 Rapport tal-Laqgħa tas-Sindki ppreżentat mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Mario Fava.**

Il-President informa li l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Mario Fava ma setax jattendi minħabba impenji oħra. Ġew preżentati -l-minuti tal-laqgħa tas-Sindki li saret fid-29 ta' Novembru 2024 lill-membri preżenti.

**5.2 Aġġornament Nisġa ta' Lwien**

Il-President informa lill-membri li l-programm issa tlesta u qed jiġi ppreżentat sabiex jinkoraġġixxu parteċipazzjoni attiva mir-residenti tagħhom. L-attivitajiet se jsiru fi tmiem il-ġimgħa bejn id-10 u l-11 ta' Mejju, kif ukoll bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, f'diversi lokalitajiet madwar ir-reġjun. Dan il-proġett qed jiġi ffinanzjat parzjalment mill-Arts Council Malta wara l-approvazzjoni ta' proposta sottomessa mir-Reġjun.

**5.3 Cir AKL 2023_045_LESA – Fondi għall-infurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ħeġġeġ lill-membri kollha biex, sa mhux aktar tard minn din il-Ġimgħa, jintbagħtu l-ispejjeż kollha relatati ma' dan is-suġġett. Minn dawn is-sottomissjonijiet, ir-Reġjun ikun jista' jwettaq evalwazzjoni tal-kunsilli li ħadu aktar fondi milli suppost, dawk il-kunsilli li ma ħadu l-ebda rimbors, u kemm ikun fadal bilanċ sabiex dan ikun jista' jinqasam bejn il-kunsilli.

Il-membri qablu li din l-informazzjoni għandha tintbagħat mill-aktar fis sabiex ikun jista' jsir dan l-eżerċizzju. Dan fir-rigward tal-fondi msemmija.

**5.4 Aġġornament – Sitwazzjoni tal-Iskart fir-Reġjun**

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun irċieva l-Proċedura Operattiva (SOP) mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali il-bieraħ. Skont din il-proċedura, kull proposta ta' penali kontra l-kuntrattur trid l-ewwel tiġi evalwata mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li bħalissa qed isir eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni sabiex jittieħed rendikont tar-rottot li qed isiru, inkluż ġbir minn lokalitajiet barra mir-Reġjun u irregolaritajiet varji. Madankollu, sa issa r-Reġjun għadu mhux ipprovdut bis-servizz online ta' GPS u cameras kif stipulat.

Is-Sindku Perit Censu Galea rrimarka li ilu ħafna jitlob il-workplan mingħand il-kuntrattur, iżda dan għadu ma ġiex ippreżentat. Huwa żied jgħid li ma jagħmilx sens li fiż-żoni ewlenin bħalma huma l-kosta ta' Buġibba u Triq it-Turisti jibqa' jkun hemm skart fit-toroq sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar.

Is-Sindku Dr. Christopher Deguara semma wkoll li kien hemm każijiet fejn il-kolletturi dehru liebsin Visibility vests b'logo ta' kumpaniji terzi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ġie kkomunikat mal-kuntrattur, li wieġeb li l-vests bil-logo tar-Reġjun kienu ordnati, minkejja li suppost kienu qed jintlibsu sa mill-bidu tas-servizz fl-2023.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-eżerċizzju intern ta' ġbir ta' data se jingħalaq dalwaqt, sabiex ikun hemm bażi soda biex tintbagħat il-proposta ta' penali.

Fuq proposta tas-Sindku Perit Censu Galea, sekondat mill-President Clifford Galea, kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**5.5 Proġetti Internazzjonali – Rapprezentanza mill-President tar-Reġjun**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-President huwa mistieden jattendi tliet konferenzi internazzjonali. L-ewwel waħda hija l-High-Level Political Forum li se ssir fi New York bejn il-15 u s-17 ta' Lulju 2025, u li se tkun parzjalment rimborsata. It-tieni konferenza hija l-Music Cities Convention, li se ssir f'Settembru 2025 u li se tkun ffinanzjata mill-Arts Council Malta. It-tielet konferenza msemmija hija l-COP, li se ssir fil-Brażil f'Novembru, u li wkoll se tkun parzjalment rimborsata. Waqt din id-diskussjoni bejn il-membri, il-President ma kien preżenti. Kien hemm qbil unanimu li l-President tar-Reġjun Tramuntana jirrappreżenta lir-reġjun f'dawn il-konferenzi.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta' pagamenti Numru 187 għall-perjodu ta' bejn il-26 ta' Marzu 2025 u l-28 ta' April 2025. L-Iskeda msemmija ġiet approvata mill-proponent is-Sindku Paul Vella, issekondata mill-Kunsillier Aiken Zerafa. Il-membri qablu unanimament.

## 7. Aġġornament

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs (19.30) ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025